Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili:- 80/2011

**Media Today Co. Ltd (C 30987) (appellata)**

**vs**

**Mary Gauci (K.I.21455G) (appellanti)**

Il-Gimgha, 15 ta' Lulju 2016

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici tal-14 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u disgha u disghin ewro u sitt centesmi (€10,699.06) rapprezentanti servizzi ta' reklamar maghmula fuq ordni tal-konvenuta. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Rat ir-risposta tal-intimata tas-16 ta' Mejju 2011[1] li fiha eccepiet: (i) preliminarjament li hija m'hijiex il-legittimu kuntradittur stante illi hija personalment m'ghandhiex u qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) fil-mertu, l-ebda ammont ma huwa dovut minnha. Minghajr pregudizzju, jekk hemm xi ammont li ghandu jithallas, dana ghandu jsir minn min hu indikat fuq il-fattura annessa mal-avviz promotur u cioe' s-socjeta' Libertas Insititute Ltd li ghandha tigi kkjamata in kawza sabiex tirrispondi ghat-talbiet attrici. Bl-ispejjez.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Gunju 2014 li ddecidiet:

*"Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut u dan mill-konvenuta personalment.*
*Konsegwentment, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma ta' disat elef, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€9,428.20), somma ridotta minn dik pretiza minnha fir-rikors promotur.*
*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluz il-Mandat ta' Sekwestru Nru. 374/11 u l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali Nru. 352/11 tal-4 ta' Frar 2011 esebita fl-atti a fol. 3 tal-process."*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza.

[1] Fol 9.

Is-socjeta' appellata ghalkemm notifikata[2] ma wegbitx. Waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2015[3] dehret l-appellanti assistita mid-difensuri taghha. Hadd ma deher ghas-socjeta' appellata. Saret trattazzjoni. B'nota datata 13 ta' Novembru 2015 l-appellanti pprezentat kopja ta' sentenza fl-ismijiet *J & C Pisani Limited v. Nicholsons The Supermarket Limited et* [4], kopja ta' liema giet notifikata lis-socjeta' appellata[5] fuq ordni tal-Qorti[6].

Il-Qorti rat l-atti.

## Aggravju

L-aggravju tal-appellanti huwa sostanzjalment wiehed marbut ma' dak li hija tqis bhala nuqqas mill-ewwel Qorti ta' apprezzament korrett tal-provi kemm mill-aspett legali kif ukoll minn dak fattwali.

Kif inghad ripetutament mill-Qrati, *"....jigi ribadit illi: 'Il-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-ragunament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi.*[7] *"*

L-appellanti ssostni li mill-evidenza mressqa quddiemha mill-partijiet, l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni li l-appellanti ma kinitx il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta' appellata. Hi ssostni li kemm fil-mument tal-iffirmar tal-*booking form*, fil-mument tal-hrug tal-fatturi, kif ukoll fil-mument meta s-socjeta' llum appellata ppruvat tithallas l-ammont minnha reklamat, qatt ma ffigurat fil-vesti personali taghha ghax hija kienet qeghda tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Libertas Malta li hija l-fergha l-lokali tas-socjeta' Libertas Institute Ltd, debitament registrata fl-Irlanda. Fil-fehma taghha ghalhekk meta dahlet fil-ftehim dwar servizzi ta' reklamar mas-socjeta' appellata hija ma kinitx qeghda tikkuntratta ghaliha nnifisha izda ghal terzi.

Rassenja ta' gurisprudenza dwar tali materja giet recentament elenkata fil-kaz **M.C.F. Company Ltd vs Charles Buhagiar et deciz fil-15 ta' Gunju 2016**[8] **-**

---

[2] Fol 9.

[3] Fol 13.

[4] Fol 14 et seq.

[5] Fol 25A.

[6] Fol 23.

[7] App Civ Nru 144/13 – **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs MDM Investments Ltd deciz fl-24 ta' Gunju 2016.**

[8] Rik 1008/14LM.

*"Illi f'materja tal-identità tal-persuna li tidħol f'rapport kuntrattwali ma' ħaddieħor, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-pronunzjamenti tal-ġurisprudenza u fehmiet ta' kittieba tad-dritt ċivili u kummerċjali:*

*1) huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieħ is-sikurezza tan-negozju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruħu lejha*[9]*.*
*2) hija ħaġa minn ewl id-dinja illi bniedem jikkuntratta għalih innifsu u kull min jidħol fi ftehim ikun ġustifikat jassumi, kemm għas-serħan il-moħħ tiegħu, kemm għas-sigurtà tal-operazzjonijiet kummerċjali, li jkun qiegħed jiftiehem mal-persuna li tkun daħlet fil-ftehim miegħu u mhux ma' ħaddieħor. Hemm ukoll il-prinċipju sagrosant li l-kuntratti jridu jsiru in bona fede u ħadd m'għandu jkun sorpriż b'allegazzjoni fiergħa li minflok ma' Kaju, huwa jkun ikkuntratta ma' Sempronju.*
*3) biex persuna li tidħol f'kuntratt torbot lil ħaddieħor li tkun qiegħda tirrappreżenta, din trid tagħmilha ċara mal-parti l-oħra li qed taġixxi f'isem ħaddieħor, u turi lill-parti l-oħra, b'mod ċar l-identità tagħha; dak li l-Taljani jsejħulha spendita del nome, jew il-contemplatio domini*[10]*. Il-mandat irid jintwera jew espressament inkella għall-inqas b'mod li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf li tkun qed tikkuntratta ma' persuna li tkun qiegħda tidher għal ħaddieħor*[11]*. Fl-assenza ta' turija espliċita, huwa neċessarju u fl-istess ħin biżżejjed "un comportamento del rappresentante che, per univocità e concludenzia, sia idoneo a portare a conoscenza dell'altro contraente di diligenzia media*[12]*" - hekk imsejħa contemplatio domini per facta concludentia.*

*"In conseguenza la rappresentanza può essere dedotta – oltre che da una dichiarazione espressa – da ogni altro elemento da cui risulti in modo inequivoco che l'attività del soggetto si svolga in attuazione di un potere rappresentativo a lui conferito*[13]*".*

*Jissokta jiġi preċiżat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena aċċennata kienet però waħda juris tantum u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' persuna oħra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkuntratta" - Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice, Appell, 6 ta' Ottubru, 1999.*

*"Mhux biżżejjed allura li l-appellanti jistrieħ fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tiegħu illi hu qatt ma innegozja mas-soċjetà attrici f'ismu personali. Hu ħtieġlu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tiegħu*[14]*".*

*Fil-każ ta' persuna li tkun qed tippretendi li tidher għal kumpannija, ingħad hekk: "Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, eċċ relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-*

---

[9] **Betti, Teoria generale del negozio giuridico**, 574; **Roppo, Il Contratto** 275; Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02.1985, n. 987, f'Giur.it., 1985, I,1,1482.

[10] **Vincenzo Roppo, Trattato del Contratto**, 2006, Vol I, Formazione, paġna 761.

[11] **Frank Cilia noe. vs. Charles Scicluna** (Cit Nru 1337/90/JDC), deċiża mill-Qorti tal- Kummerc fis-27 ta' April 1992; **Philip Galea Souchet vs. Michael Falla**, Appell Kummerċjali, 4 ta' Mejju, 1973; **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** deċiża fis-27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerċ, (Vol LXXVI.iv.673); **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs. Mark Grima** deċiża fit-30 ta' April, 1992 ,Vol. LXXVI iv 677.

[12] **Qorti tal-Kassazzjoni Taljana**, 20.10.2003, n. 15691, Mass. For. It. 2003

[13] **Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** 10.12.1996, n. 10989, Mass For. It., 1996. Ara wkoll Roppo, op.cit., paġna 766.

[14] **Borg Cold Stores vs. Pickard Mario** – QA (PS) 19.10.2005.

*nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenut (omissis) li jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit minn soċjetà kummerċjali, skont hu s-soċjetàM.A.*

*Illi dan il-prinċipju ġie kostantament applikat mill-Qrati tagħna. Hekk, fil-kawża fl-ismijiet **Charles O'Flaherty noe. vs. Joseph Micallef** (Ċit. Nru 885/85/JDC), deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Ġunju, 1987, fejn ilfatti kienu simili għal dawk in eżami, ingħad:*

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment għall-ħlas, peress li ma jirriżultax li fiż-żmien meta kien isir in-negozju inkwistjoni huwa indika lis-socjetà attriċi li l-ħlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta kummercjali[15]".*

*4) l-ispendita del nome trid issir sal-mument meta l-ftehim ikun ġie ffinalizzat[16]. "Għar-rigward tal-portata tal-vinkolu kontrattwali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Diċembru, 1999 mogħtija fil-kawża **Vella vs. Vella noe**. Skont din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tiġi kontrattata l-obbligazzjoni. Huwa dak il-mument fejn min jikkontratta għandu l-obbligu li jiddikjara b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra (fiżika jew morali) li trid tkun ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tal-parti l-oħra f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi naxxenti minn dak in-negozju[17]."*

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)[18]."*

*5) meta persuna tallega li aġixxiet f'isem ħaddieħor, il-piż tal-prova jaqa' fuqha: "Ladarba rriżulta li l-ordni saret mill-konvenut sta għall-istess konvenut li jipprova li meta għamel l-ordni ma għamilhiex f'ismu personalment iżda għamilha għal xi ħaddieħor. Jekk din il-prova ma ssirx għas-sodisfazzjon tal-Qorti jsegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment għall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li għamel[19]." Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ **Cilia noe vs. Scicluna** (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u **Bonnici noe vs. Grima** (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell **Caruana et vs. Magro et** tas-6 ta' Ottubru, 1999, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Għalhekk fil-każ tal-lum, jinkombi fuq il-konvenuti l-oneru tal-prova tal-ewwel u tat-tieni eċċezzjonijiet u ċioè il-prova li l-kreditu pretiż minn Golden Harvest mhuwiex dovut minnhom personalment iżda mill-kumpannija Dolceria Italiana Limited, li tagħha jirriżulta li l-konvenuti huma l-azzjonisti u li tagħha jirriżulta li kienu t-tnejn diretturi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat[20]. 12*

---

[15] **Camel Brand Co. Ltd. vs. Michael Debono** 21.03.2002, Prim'Awla, per Imħallef R.C. Pace.

[16] **Lawrence Formosa nomine et nomine vs. Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

[17] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.

[18] **Legend Real Estate Ltd vs. Ron Chetcuti**, il-Qorti tal-Appell.

[19] **Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward) Borg**, Qorti tal-Kummerċ deċiża fl-10 ta' Mejju, 1990.

[20] **Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. vs. John Muscat** 17.09.2012, Prim'Awla, per Imħallef J. Zammit McKeon.

*6) Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jiġi preżunt, anzi għandu jigi eskluż (Troplong mandato no. 50) ċitata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203… "Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża* ***Formosa et noe vs. Felice*** *tat direzzjoni preċiża fis-sens illi sostniet li kien jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju[21]."*

Fil-kaz odjern jirrizulta li fit-13 ta' Mejju 2009 saret *booking order* mal-Media Today ghall-ipprintjar ta' 160,000 leaflet u 12,000 business cards. Fid-dettalji tal-formola tnizzel li l-kumpanija li ghaliha kienet se ssir dik l-ordni kienet **"Libertas Malta"**, li l-persuna li maghha kellu jsir kuntatt kienet Mary Gauci u l-"Authorised Signature" kienet ukoll tal-istess Mary Gauci[22]. L-invoices ghall-ipprintjar ta' dawn il-*leaflets*[23] u *business cards*[24] inhargu fuq "Libertas Institute". Kif tixhed Mary Gauci *"Kont jien li ffirmajt din l-ordni….*[25]." Flimkien ma' dawn l-invoices is-socjeta' attrici harget numru ta' invoices ohra ghal reklami fuq il-gurnali "Illum" u "Maltatoday" kollha ndirizzati lil "Libertas Institute"[26]. Dan ghall-perjodu bejn Marzu u Mejju 2009. Ebda wahda minn dawn l-invoices ma giet kontestata[27]. It-talba originali tas-socjeta' attrici tinkludi talba ghal hlas ta' dawn l-invoices ukoll li fit-total taghhom jammontaw ghal €10,699.06, kif indikat fuq dokument "Statement of Account"[28] indirizzat ukoll lil Libertas Institute[29]. L-indirizz ta' "Libertas Institute" gewwa l-Imsida ndikat fuq l-*invoices* kollha mahruga mis-socjeta' appellata huwa dak tal-fond mikri minn Kevin O'Connell bhala rapprezentant ta' "Libertas Institute" gewwa l-Irlanda sabiex jintuza bhala ufficcju ghall-perjodu ta' 4 xhur[30]. Mary Gauci xehdet li dan l-ufficcju kien intiz ghall-hidma ta' Libertas Institute f'Malta[31].

Irrizulta car li <u>fil-mument li l-appellanti kkuntrattat mal-Media Today Co. Ltd</u> ghas-servizzi ta' reklamar in kwistjoni hija ma kinitx debitament awtorizzata minghand Libertas Institute Ltd

[21] Ibid.

[22] Fol 16.

[23] Invoice Nru 7674 a fol 28.

[24] Invoice Nru 7543 a fol 24.

[25] Seduta tat-23 ta' Jannar 2013 a fol 125.

[26] Fol 19 et seq.

[27] Xhieda ta' Jonathan Perrett a fol 15.

[28] Fol 2.

[29] Il-quantum ta' dawn l-invoices ma giex kontestat.

[30] Kuntratt datat 19 ta' Frar 2009 a fol 72 et seq.

[31] Affidavit a fol 66.

sabiex tidhol ghal dawn l-obbligazzjonijiet partikolari mas-socjeta' appellata. Fi skambju ta' emails xhur wara li gew ezegwiti tali servizzi mis-socjeta' appellata, email datata 3 ta' Novembru 2009[32] mibghuta minn rapprezentant ta' Libertas Institute Ltd lir-rapprezentant tal-Media Today tghid hekk:

*"Libertas very much regret that this situation with Media Today has arisen, however, you have not been contacted by anyone at this office because your services were not engaged by this office. They were engaged by one of our representatives in Malta, who was <u>not authorised</u> to do so. So your dealings should always have been, first and foremost with that representative."*

Ma jirrizultax li Mary Gauci, li kienet ukoll ikkupjata b'din l-email, irreagixxiet almenu bil-miktub ghal dan il-kliem. Din id-dikjarazzjoni inekwivoka ta' Libertas Institute Ltd tikkontradici dak li xehed Mark Causon li qal, *"meta sar dan il-booking ma kienx hemm dubju illi l-klijent huwa l-Libertas, intiz bhala institute Irlandiz li kellu l-fergha tieghu f'Malta[33]"*.

La fl-ordnijiet ghal servizzi li ghamlet mal-Media Today l-appellanti pprezentat ruhha bhala l-mandatarja u l-persuna awtorizzata li qeghda tagixxi f'isem Libertas (tant li fil-*booking order* tat-13 ta' Mejju 2009, l-"*authorised signature*" hi taghha), l-appellanti zvijat lis-socjeta' appellata. Huwa minnu li l-appellanti xehedet li kienet impjegata ta' Libertas Institute matul ghall-perjodu ta' tlett xhur bejn Marzu u Mejju 2009[34]. Izda b'daqshekk ma jfissirx li kellha d-dritt tikkuntratta ghan-nom tal-principal taghha.

Inoltre tenut kont li huwa pacifiku li l-ordnijiet ghas-servizzi ta' reklamar saru unikament minn Mary Gauci, l-istruzzjonijiet lis-socjeta' appellata inghataw unikament minnha inkluz l-isem tal-"klijent" li hija ddikjarat li qeghda tagixxi f'ismu. Anke hawn jirrizulta li l-appellanti zvijat lis-socjeta' appellata. Il-fatt li fl-Irlanda s-socjeta' "The Libertas Institute Ltd" hi registrata[35] ma hux ta' ghajnuna ghall-argument tal-appellanti ghaliex din is-socjeta' mkien ma giet indikata minnha fil-mument tal-ftehim li ghamlet mas-socjeta' appellata. Hija ddikjarat biss li l-klijent li f'ismu qeghda tidher hu **"Libertas Malta"** (fil-booking order). Mark Causon, il-persuna li hadet il-booking minghand l-appellanti, ikkonferma wkoll li l-klijent kienet **Libertas Malta[36]**. M'hemmx prova li fiz-zmien meta gie ffirmat il-kuntratt (13 ta' Mejju 2009), Libertas Malta kienet persuna guridika. L-istess ghal Libertas Institute li hu l-isem li jissemma fl-invoices li harget l-appellata. Ebda isem minn dawn ma hu ufficjalment registrat f'Malta bhala xi kumpanija[37], u lanqas m'hemm prova li ghandhom personalita guridika. F'tali cirkostanzi Mary

---

[32] Fol 40.

[33] Affidavit a fol 61.

[34] Affidavit a fol 66, para 1.

[35] Fol 114 u 115.

[36] Fol. 238.

[37] Fol 33 – xhieda tar-rapprezentant tal-MFSA.

Gauci personalment ghandha taghmel tajjeb ghad-dejn. Ghalhekk meta fit-13 ta' Mejju 2009 iffirmat il-*booking order*, li hu l-kuntratt li jirregola r-relazzjoni kummercjali, iffirmat f'isimha.

L-appellanti targumenta li effettivament kienet giet awtorizzata minn Libertas biex tikkuntratta ghan-nom taghhom mas-socjeta' appellata tant li kienu weghduha li se jghaddulha anke l-fondi ghal dan il-ghan, liema trasferiment ta' fondi izda baqa' ma sehhx. Waqt id-depozizzjoni[38] ezibit emails[39] bhala prova ta' din il-weghda. Izda minn dawn l-emails il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li r-referenza fit-titoli tal-emails hija wahda vaga ghal "budget", "invoice May 09" (minghajr referenza specifika ghal x'hiex kien intiz dan il-budget u ghal x'hiex l-invoice imsemmja kienet qed tirreferi) u ghal "two-page interview Malta Today" (is-servizzi ta' reklamar moghtija mis-socjeta' appellata kienu jkopru ferm aktar servizzi minn hekk skont l-invoices mahruga a fol 19 sa 30). Fit-tieni lok, jekk l-appellanti giet imweghda li se tircievi xi flus (anke jekk ghall-grazzja tal-argument dawn kienu ntizi biex jiffinanzjaw il-kampanja ta' reklamar mas-socjeta' appellata) u hija ghazlet li tintrabat mas-socjeta' appellata <u>qabel</u> ma rceviet dawn il-fondi, fil-konfront tal-appellata tibqa' l-legittimu kontradittur. Kwalunkwe ftehim li kellha mat-terz huwa f'kull kaz *res inter alios acta* ghas-socjeta' appellata.

Ir-relazzjoni guridika bejn l-appellanti u l-appellata tirrizulta u l-appellata kellha kull dritt titlob il-hlas minghandha:

i. Il-ftehim u l-ordnijiet ghas-servizzi ta' reklamar mas-socjeta' appellata sar mill-appellata gialadarba m'hemmx prova li Libertas Malta ghandha personalita guridika;

ii. Libertas Institute Ltd hi socjeta estera li m'hemmx prova li tat lill-appellata r-rapprezentanza guridika sabiex tikkonkludi l-kuntratt li wassal ghal dawn il-proceduri;

iii. L-appellanti ghamlet hlas ta' parti sostanzjali mill-ammont mitlub mis-socjeta' appellata permezz ta' zewg cekkijiet (li wara rrizulta li gew referred to *drawer*)[40]. Dawn ic-cekkijiet huma ta' *kont kurrenti* li **qieghed f'isem l-appellanti**. M'hemmx prova li dan il-kont infetah minn Mary Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' Libertas Institute Ltd. L-ufficjal tal-bank li kien involut meta nfetah il-kont, ikkonferma li l-appellant fethet il-kont ghal kampanja elettorali taghha. Fatt li jkompli jikkonferma kemm il-kont kien tal-appellanti. Cekkijiet huma titolu ta' kreditu b'obbligu tal-appellata li thallas lill-appellata[41] (ara f'dan is-sens sentenza **Marlene**

---

[38] A fol 125.

[39] Fol 126, 127 u 128.

[40] Fol 17.

[41] Fic-cekkijiet l-appellata hi dikjarata bhala l-*payee*.

**Vella et vs Dr Antoine Gambin et**, deciza mill-Prim'Awla[42] fis-26 ta' April 2001). Mir-rendikont tal-kont bankarju minn fejn kellu jsir il-hlas, jirrizulta li mid-data tal-hrug tac-cekk sakemm l-appellata pprovat issarafhom, fil-kont qatt ma kien hemm depozitata s-somma dovuta lill-appellata. Il-fatt li l-flus li zmien qabel gew depozitati fil-kont kienu provenjenti minghand Libertas Institute Ltd, ghall-appellata hu *res inter alios acta*. Mark Causon xehed: *"10) Qatt ma kienet l-intenzjoni illi dawk ic-cekkijiet ifissru li Mary Gauci hija responsabbli personalment ghall-hlas"*. Il-fatt wahdu li l-appellanti harget cekkijiet f'isimha personali u tathom lis-socjeta appellata, juri mod iehor.

Huwa minnu li **sussegwentement**, u cioe' xhur wara li saru l-ordnijiet minn Mary Gauci mas-socjeta' appellata u anke lahqu nghataw is-servizzi ta' reklamar, rapprezentanti tas-socjeta' estera Libertas Institute Ltd dahlu fix-xena wara li kkomunikat maghhom s-socjeta' appellata (l-appellanti dejjem kienet tkun ikkupjata b'dawn l-emails). Fl-email tat-3 ta' Novembru 2009[43], fl-isfond tal-premessa li huma ma kinux awtorizzaw tali reklamar u li ma kinux qeghdin jassumu xi responsabilta' ghal hlas, ir-rapprezentanti l-ohra ta' Libertas Institute Ltd indikaw li se jaghmlu sforz biex huma stess igibu fondi ghall-hlas tal-ammont mitlub mis-socjeta' appellata[44]. Dan ghaliex huma rrikonoxxew li reklamar li jikkoncerna l-Libertas kien effettivament sar mis-socjeta' appellata. F'din l-email[45] inkiteb hekk:

*"The fact that our representative engaged the services of Media Today has caused much disagreement for a considerable period of time, and it has also put Libertas in a very difficult and unreasonable position.* ***Whilst Libertas does not accept liability for payment of the amount outstanding to Media Today[46],*** *we do accept that adverts were run, etc. on behalf of Libertas whilst the campaign was ongoing. To that end, we would like to work with you to try to resolve the matter of the outstanding payment.*

*The unfortunate problem we have at the moment is that we have insufficient funds to make this payment to you. We do anticipate that this matter will be resolved, however, in the near future, and as soon as I am in receipt funds I will be in touch with you further."*

Emails ohra li gew evenwalment skambjati bejn is-socjeta' appellata u r-rapprezentati ta' Libertas Institute Limited juru infatti li ufficjali ta' din is-socjeta estera kienu qeghdin ighidu li saru diversi tentattivi biex tottjeni fondi sabiex isir il-hlas[47]. Sahansitra jidher li wiehed mir-rapprezentanti ta' Libertas Institute, Declan Ganley kien f'punt minnhom indika li huwa kien

[42] Imhallef Raymond Pace.

[43] Ibid.

[44] Fosthom email datata 2 ta' Frar 2010 a fol 97.

[45] Ibid.

[46] Enfazi tal-Qorti.

[47] Ara ez email ta' Declan Ganley lill-appellanti a fol 97 u email ta' Evonne Corcoran lil Jonathan Perrett tal-Media Today datata 23 ta' Lulju 2009 a fol 49.

ser jipprova jaghmel tajjeb ghall-hlas minn fondi personali li huwa kien anticipa li se jircievi minghand terzi[48].

Madankollu l-qorti m'hijiex sodisfatta li hemm provi li sehhet novazzjoni *ex parte debitoris*. Ovvjament l-uniku nteress li kellha s-socjeta appellata kien li tithallas, irrispettivament minghand min. Id-debitrici kienet u baqghet l-appellata. Il-weghdiet ta' Libertas Institute Ltd qatt ma mmaterjalizzaw u m'hemmx prova cara li s-socjeta appellata helset lill-appellanti mill-obbligu li thallas id-dejn.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez.**

Anthony Ellul.

[48] Ara email datata 10 ta' Marzu 2010 a fol 45.